MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 775/2011

**Fenci Consulting Limited**

**vs**

**Michelle Muscat**
**ID 396268 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi f'April 2011, Michelle Muscat kienet talbet appuntament ma' Kevin J. Fenech ta' Fenci Consulting Limited, peress li hi kellha bzonn konsulenza fuq in-negozju taghha. Fit-8 ta' Marzu, 2011, sar l-ewwel appuntament u wara din il-laqgha Kevin J Fenech kien ghamillha proposta tas-servizzi ta' konsulenza illi Fenci Consulting Limited setghet toffri ghal prezz ta' hames mitt ewro (€ 500) fix-xahar (*retainer*). Il-konvenuta kienet accettat din il-proposta u fil-fatt bdiet tinghata l-konsulenza minn Fenci Consulting Limited. Wara l-ewwel xahar, kif

kien miftiehem, inhareg l-ewwel kont ghal hames mitt ewro (€ 500). Il-konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas dan il-kont, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Lulju, 2011 u bl-imghax sal-hlas tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi primarjament, il-konvenuta ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta’ Wonka Company Limited ta’ 42B, Marina Street, Pieta’. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju tal-premess, is-socjeta’ attrici ma wettqet l-ebda xoghol ghal konvenuta u / jew is-socjeta’ Wonka Company Limited, ghajr li kien hemm diversi skambju ta’ emails. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont reklamat mill-attrici huwa fi kwalunkwe kaz eccessiv. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici xehed illi hu gie avvicinat mill-konvenuta u persuna ohra, li gie identifikat bl-isem ta’ Noel, u dan in konnessjoni ma’ xoghol ta’ konsulenza li kienu jehtiegu dwar l-operat ta’ socjeta’ kummercjali bl-isem Wonka Limited. Illi din is-socjeta’ kummercjali kienet ghaddejja minn xi diffikoltajiet finanzjarji, u l-konvenuta flimkien mal-imsemmi Noel, fil-kwalita’ taghhom ta’ azzjonisti ta’ din is-socjeta’, u Noel ukoll bhala direttur tal-istess socjeta’ kummercjali, kienu talbu assistenza minghand is-socjeta’ attrici bil-ghan illi jigu indirizzati dawn il-problemi, u possibilment rizolti l-istess problemi. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ltaqa’ mal-konvenuta u l-imsemmi Noel, u fl-ewwel laqgha ntlahaq ftehim illi s-socjeta’ attrici kienet ser tippresta s-servizzi taghha ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur versu l-hlas

lilha tas-somma ta’ hames mitt ewro (€500) fix-xahar, oltre VAT.

Illi fost ir-rakkomandazzjonijiet illi saru mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kienu illi jlaqqa’ lill-konvenuti ma’ awditur, certu Mark Gauci – u dan minhabba illi l-awdituri tas-socjeta’ Wonka Limited kienu qed ikunu tardivi fit-twettiq tas-servizz li kellhom jipprovdu - kif ukoll illi jikkomunika ma’ certu Charles Massa fi hdan ir-*recoveries section* tal-Bank of Valletta p.l.c., u dan peress illi l-Bank kien ser jiehu azzjoni fil-konfront tas-socjeta’ kummercjali msemmija sabiex jirkupra l-kreditu dovut lilu, oltre illi jitfassal pjan dwar kif jista’ jigi saldat id-debitu li kellha s-socjeta’ kummercjali in kwistjoni. Illi ghal dan il-ghan saru madwar tliet jew erba’ laghat, oltre li giet skambjata korrispondenza tramite e-mails, u anke sms’ bil-mobile phones.

Illi skond ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ghalkemm is-servizzi li kienet ser tippresta kienu ghal beneficcju tas-socjeta’ Wonka Limited, madanakollu, s-servizzi taghha kienu gew ingaggjati mill-konvenuta, fil-kwalita’ personali taghha, u dan anke minhabba l-fatt illi l-istess konvenuta kienet involuta fil-gestjoni ta’ negozju iehor, u kienet talbet ukoll xi pariri minghand is-socjeta’ attrici in rigward. Illi s-socjeta’ attrici kienet konsapevoli *ab initio* dwar il-problemi finanzjarji li kellha s-socjeta’ konvenuta, partikolarment li din kien *insolvent,* u ghalhekk l-istess socjeta’ attrici kienet konsapevoli li l-hlas ghas-servizzi taghha ma kienux ser jigu mwettqa mis-socjeta’ Wonka Limited, izda mill-konvenuta, ma’ min ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kien qed ikollu kuntatt regolari dwar dawn il-pendenzi.

Illi permezz ta’ e-mails li gew skambjati bejn il-partijiet, is-socjeta’ attrici diversi drabi talbet il-hlas ghas-servizzi taghha, u l-konvenuta ddikjarat illi tali hlas kien ser jigi mwettaq. Illi s-socjeta’ attrici gharrfet lill-konvenuta li ma kienitx ser tibqa’ tippresta s-servizzi taghha, u dan ukoll permezz ta’ e-mail, u dan wara li l-istess konvenuta naqset milli tikkonsenja lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici d-dokumenti li kienu rikjesti minnha – u cioe’ l-*audited accounts* tas-socjeta’ Wonka Limited – oltre li

naqset milli twettaq il-hlas tar-*retainer* miftiehem u dovut ghall-perjodu ta' xahar.

Illi l-konvenuta, da parti taghha, tiddikjara illi ma kienitx hi illi avvicinat lis-socjeta' attrici, izda kien is-sieheb taghha fin-negozju, Noel Mifsud, illi kkomunika mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici. Illi s-servizzi li ntalbu minghand is-socjeta' attrici kienu in rigward tas-socjeta' Wonka Limited, li taghha l-konvenuta kienet azzjonista kif ukoll *company secretary*. Illi ddikjarat illi l-korrispondenza permezz ta' e-mail mas-socjeta' attrici kien isir primarjament minnha ghaliex Noel Mifsud kellu diffikolta' sabiex jikkomunika bl-Ingliz. Illi l-konvenuta ddikjarat illi ma kienetx hi, fil-kwalita' personali tagha, li nkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici, u li ghalhekk il-hlas tas-somma mitluba mis-socjeta' attrici m'hix dovuta minnha personalment, izda mis-socjeta' Wonka Limited. Il-konvenuta cahdet illi hi kienet talbet ukoll xi pariri u konsulenza in konnessjoni ma' socjeta' kummercjali ohra, li kienet involuta fil-gestjoni tar-restaurant La Vela u liema restaurant kien qed jigi gestit mill-konvenuta, u tiddikjara illi kemm hi u anke Noel Mifsud ma qablux mal-proposta illi saret mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici illi jigu vversati xi fondi mill-qliegh li jaghmel ir-restaurant La Vela versu d-debiti tas-socjeta' Wonka Limited. Illi l-konvenuta ddikjarat illi meta fl-e mail taghha rrikonoxxiet u accettat illi ghandu jigi mwettaq il-hlas dovut lis-socjeta' attrici, dan ma kienx jikkostitwixxi accettazzjoni minnha personali, izda li kellha thallas ghal dawn is-servizzi s-socjeta' Wonka Limited.

Illi ddikjarat inoltre illi hi u Noel Mifsud iltaqghu biss madwar darbtejn mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, oltre illi l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici kkomunika biss darbtejn ma' Charles Massa, fi hdan il-Bank of Valletta p.l.c., in konnessjoni mal-pendenzi tagghom, u dan sabiex jinformah illi kien ser jassisti lis-socjeta' Wonka Limited, u darba wahda ohra, sabiex jinformahom illi ma kienx ser jibqa' jippresta s-servizzi tieghu lill-istess socjeta' kummercjali. Illi kkonfermat ukoll illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici laqqathom mal-

accountant Mark Gauci, u li dawn kienu ghadhom qed juzaw is-servizzi tieghu.

Illi x-xhud Noel Mifsud ikkonferma li kien hu li kien avvicina lis-socjeta’ attrici tramite ta’ reklam li kien sab fil-Yellow Pages. Illi s-servizzi tas-socjeta’ attrici kienu gew ingaggjati mis-socjeta’ Wonka Limited, li taghha kien azzjonista u direttur, u li ghalhekk il-hlas kien dovut minnha. Illi l-proposta li saret mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, u cioe’ illi d-debiti li kellha Wonka Limited jigu assorbiti minn socjeta’ kummercjali ohra li kellu l-gestjoni taghha flimkien mal-konvenuta, ma kienitx accettabbli ghalih, u talab lill-konvenuta tgharfu dwar dan. Ikkonferma illi jaf li r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici kien ikkomunika mal-Bank, izda dan kien biss fil-bidu u darba wahda ohra meta gew informati illi ma kienitx ser tibqa’ tippresta s-servizzi taghha. Illi l-intendiment bejn il-partijiet kien fis-sens illi s-socjeta’ attrici kellha tithallas ghas-servizzi taghha minghand is-socjeta’ Wonka Limited – u dan minkejja d-diffikoltajiet finanzjarji li kienet ghaddejja minnhom is-socjeta’ kummercjali msemmija. Dan oltre l-fatt illi skond dan ix-xhud l-ewwel zewg laqghat kellhom ikunu minghajr hlas.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni principali tal-konvenuta f’din il-kawza hija fis-sens illi m’ghandhix tkun l-istess konvenuta li tigi kkundannata thallas il-mizata dovuta lis-socjeta’ attrici, izda li tali hlas ghandu jigi mwettaq minn Wonka Limited, u dan in bazi tal-fatt illi kienet l-istess socjeta’ Wonka Limited li nkarigat is-servizzi tas-socjeta’ attrici, u li tali servizzi gew ipprestati mis-socjeta’ attrici ghal beneficcju tas-socjeta’ Wonka Limited. Illi ghalkemm fir-risposta taghha l-konvenuta ddikjarat illi ghandha tigi kjamata fil-kawza is-socjeta’ Wonka Limited, madanakollu, hadd mill-partijiet ma’ talab sabiex dan isehh.

Illi ghalhekk jehtieg illi t-Tribunal iwiezen jekk it-talba tas-socjeta’ attrici, kif rivolta fil-konfront tal-konvenuta, hix gustifikata, o meno. Illi rrizulta li saru xi ftit laqghat bejn il-partijiet u saru xi proposti u diskussjoni dwar pjan ta’

azzjoni li kellu jigi addotatt mill-konvenuta – fil-kwalita' taghha ta' azzjonista – u minn Noel Mifsud – fil-kwalita' tieghu ta' azzjonista u direttur tal-istess socjeta' – sabiex id-debiti li kellha s-socjeta' Wonka ma' diversi kredituri, jigu mhallsa. Illi mill-atti ma jirrizultax li sar xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet meta gew inkarigati s-servizzi tas-socjeta' attrici, u ghalkemm il-partijiet qed jaqblu dwar ir-rata tal-hlas spettanti lis-socjeta' attrici, u cioe' l-ammont ta' hames mitt ewro (€500.00) fix-xahar, madanakollu, m'hemmx qbil bejniethom dwar minn min ghandhom jithallsu. Illi oltre dan, fid-deposizzjoni li nghatat mill-konvenuta u x-xhud imressaq minnha, huma ddikjaraw illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici kien, fi kwalunkwe kaz, mhux dovut, ghaliex ir-rapprezentant taghha, Kevin Fenech, ftit li xejn kien lahaq ghamel xoghol ai termini ta' dak miftiehem. Illi minkejja tali kontestazzjoni, ma jirrizultax illi s-servizzi tas-socjeta' attrici gew terminati minhabba li l-konvenuta ma kienitx sodisfatta bis-servizzi li kienet qedha tippresta s-socjeta' attrici, u ghalhekk tali kontestazzjoni m'hix gustifikata.

Illi l-konvenuta tikkontendi illi ma kienitx hi li nkarigat is-servizzi tas-socjeta' attrici, u dan 'l ghaliex kien is-sieheb taghha, Noel Mifsud, illi ghamel l-ewwel kuntatt mas-socjeta' attrici, u li fi kwalunkwe kaz, hi dejjem kienet qedha tagixxi u tittratta mas-socjeta' attrici fil-kwalita' taghha ta' azzjonista tas-socjeta' Wonka Limited.
Illi mix-xhieda li nghatat mill-partijiet ma jirrizultax, fl-ewwel laqgha li nzammet bejniethom, li kien hemm xi diskors bejniethom specifikament dwar minn min kienu qed jigu ingaggjati s-servizzi tas-socjeta' attrici, u filwaqt illi s-socjeta' attrici fehemet illi kienet ser tkun il-konvenuta li ser thallas ghal dawn is-servizzi – u dan minhabba (i) s-sitwazzjoni finanzjarja hazina li kienet tinsab fiha s-socjeta' Wonka Limited, tant li ma kienitx f'posizzjoni li thallas lill-kredituri taghha, u (ii) peress illi s-socjeta' attrici kienet qedha tikkorispondi direttament maghha – il-konvenuta, kienet taht l-impressjoni illi ladarba s-servizzi kienu ser jigu pprestati ghall-beneficcju tas-socjeta' Wonka Limited, allura l-hlas kellu jigi mwettaq minnha, minkejja l-fatt illi ma kellhiex il-fondi sabiex twettaq dan il-hlas.

Illi mix-xhieda li nghatat mill-partijiet jidher illi s-socjeta' Wonka Limited kellha problema ta' likwidita', tant illi anke minn stharrig preliminari li sar mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fl-inkontru li kellu mal-konvenuta u Noel Mifsud, irrizultalu illi kienet *insolvent*. Illi ghalhekk jidher illi kien car mill-bidu tad-diskussjonijiet bejn il-partijiet illi bhal ma Wonka Limited ma kienitx f'posizzjoni li thallas kredituri ohra, daqstant iehor ma kienitx f'posizzjoni li thallas lis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk, l-argumentazzjoni avanzata mill-konvenuta li kienet is-socjeta' Wonka Limited li kienet tehtieg is-servizzi tas-socjeta' attrici, u ghalhekk kellha tkun l-istess socjeta' kummercjali li thallas lis-socjeta' attrici ghas-servizzi taghha, turi *mala fede* da parti tal-istess konvenuta, li kienet konsapevoli tal-istat finanzjarju hazin li kienet tinsab fih is-socjeta' Wonka Limited, u li ghalhekk kienet taf li din ma kienitx f'qaghda li tassumi debiti godda, u li thallas tali debiti godda. Illi ghalhekk, u meta l-konvenuta fil-kwalita' taghha ta' azzjonista qedha tressaq tali difiza, qed turi nuqqas ta' responsabilita' f'dak li jirrigwarda r-rwol taghha ta' azzjonista in kwantu qed tghabbi s-socjeta' Wonka Limited b'aktar debiti, u animu qarrieqi fil-konfront tas-socjeta' attrici, in kwantu qed tinkariga s-servizzi taghha meta hija ben konsapevoli *a priori* tal-fatt li ma kienitx ser thallas ghas-servizzi li kienu ser jigu pprestati mis-socjeta' attrici.

Illi dan it-Tribunal ma jistax jaccetta u jippermetti – anke in bazi ta' ekwita' – tali agir frawdolenti da parti tal-konvenuta, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet sollevati minnha. Illi jkun opportun illi jsir accenn ghall-fatt illi t-Tribunal huwa konvint illi tali azzjoni li ttiehdet mill-konvenuta sabiex gew inkarigati s-servizzi tas-socjeta' attrici, ma ttiehditx unikament minnha, izda bi qbil u ftehim mal-azzjonista l-iehor Noel Mifsud, li madanakollu, mhux parti f'din l-azzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tas-socjeta' attrici kif rivolta fil-konfront tal-konvenuta, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li tista' tkun talvolta

spettanti lill-attrici fil-konfront ta’ Noel Mifsud ghall-hlas tas-sehem tieghu minn dan id-debitu.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u disghin ewro (€ 590.00), bl-imghax mis-26 ta’ Lulju, 2011.

L-ispejjez ghndhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------